Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 165/19
Il-Lussemburgu, 19 ta' Diċembru 2019

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-311/18
Data Protection Commissioner v Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems

Skont l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' data personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi hija valida

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD)[1], bħad-Direttiva dwar l-ipproċessar ta' data personali li huwa ssostitwixxa[2], jipprevedi li data personali tista' tiġi ttrasferita lejn pajjiż terz jekk dan jiżgura livell ta' protezzjoni adegwat ta' din id-data. Fl-assenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni żgurat fil-pajjiż terz inkwistjoni, il-kontrollur jista' madankollu jwettaq it-trasferiment jekk huwa jissuġġetta dan għal garanziji xierqa. Dawn il-garanziji jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu l-forma ta' kuntratt bejn l-esportatur u l-importatur tad-data li jinkludi klawżoli standard dwar il-protezzjoni previsti f'deċiżjoni tal-Kummissjoni. Permezz tad-Deċiżjoni 2010/87/UE[3], il-Kummissjoni istitwixxiet klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' data personali lil proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi. Il-kawża odjerna tirrigwarda l-validità ta' din id-deċiżjoni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali

Il-kawża prinċipali kienet ippreċeduta minn proċedura mibdija minn Maximillian Schrems, utent Awstrijak ta' Facebook, u li diġà kienet tat lok għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2015 (is-"sentenza Schrems")[4]

Id-data tal-utenti ta' Facebook li jirrisjedu fl-Unjoni, bħal M. Schrems, tiġi ttrasferita, totalment jew parzjalment, minn Facebook Ireland, is-sussidjarja Irlandiża ta' Facebook Inc., fuq servers li jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn tiġi pproċessata. Fl-2013, M. Schrems kien ressaq ilment mal-awtorità Irlandiża responsabbli għas-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali (iktar 'il quddiem l-"awtorità superviżorja"), billi qies li fid-dawl tal-iżvelar magħmul minn Edward Snowden dwar l-attivitajiet tas-servizzi tal-intelligence tal-Istati Uniti (b'mod partikolari tan-National Security Agency jew "NSA"), id-dritt u l-prattiċi tal-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti mis-sorveljanza, mill-awtoritajiet pubbliċi, tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. L-awtorità superviżorja kienet ċaħdet dan l-ilment, għar-raġuni, b'mod partikolari, li, fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2000[5], il-Kummissjoni kienet qieset li, fil-kuntest tas-sistema

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU 2016, L 119, p. 1, u Rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).
[2] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).
[3] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2010, L 39, p. 5), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 344, p. 100).
[4] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems, C-362/14, ara wkoll SS Nru 117/15
[5] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

msejħa “port salv”[6], l-Istati Membri kienu jiżguraw livell adegwat ta’ protezzjoni tad-data personali ttrasferita.

Permezz tas-sentenza Schrems, il-Qorti tal-Ġustizzja, b’risposta għal domanda mressqa mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda), iddikjarat id-deċiżjoni “port salv” invalida.

Wara s-sentenza Schrems, il-qorti tar-rinviju annullat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità superviżjorja kienet ċaħdet l-ilment ta’ M. Schrems u bagħtitha lura quddiem din l-awtorità għal eżami. Din fetħet investigazzjoni u stiednet lil M. Schrems jifformula mill-ġdid l-ilment tiegħu fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni “port salv” kienet ġiet invalidata.

Għal dan l-għan, M. Schrems talab lil Facebook Ireland tidentifika l-bażijiet legali li fuqhom it-trasferimenti tad-data personali tal-utenti ta’ Facebook mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti huma bbażati. Facebook Ireland għamlet riferiment għal ftehim ta’ trasferiment u ta’ pproċessar ta’ data (*data transfer processing agreement)* konkluż bejnha u Facebook Inc., applikabbli mill-20 ta’ Novembru 2015, u invokat id-Deċiżjoni 2010/87.

Fl-ilment ifformulat mill-ġdid tiegħu, M. Schrems argumenta, minn naħa, li l-klawżoli inklużi f’dan il-ftehim ma kinux konformi mal-klawżoli kuntrattwali standard previsti mid-Deċiżjoni 2010/87 u, min-naħa l-oħra, li dawn il-klawżoli kuntrattwali standard ma setgħux, fi kwalunkwe każ, ikunu l-bażi għat-trasferiment tad-data personali dwaru lejn l-Istati Uniti. M. Schrems allega, fil-fatt, li ebda rimedju ġudizzjarju ma jippermetti lill-persuni kkonċernati jinvokaw fl-Istati Uniti d-drittijiet tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali. F’dawn il-kundizzjonijiet, M. Schrems talab lill-awtorità superviżorja tissospendi dan it-trasferiment skont id-Deċiżjoni 2010/87.

Permezz tal-investigazzjoni tagħha, l-awtorità superviżorja kienet qiegħda tfittex li tiddetermina jekk l-Istati Uniti jiżgurawx protezzjoni adegwata tad-data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni u, fin-negattiv, jekk l-użu ta’ klawżoli kuntrattwali standard joffrix garanziji suffiċjenti fir-rigward tal-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali ta’ dawn tal-aħħar. Peress li qieset li l-ipproċessar tal-ilment ta’ M. Schrems kien jiddependi mill-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni 2010/87 kinitx valida, l-awtorità superviżorja bdiet proċedura quddiem il-High Court sabiex tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett. Il-High Court għamlet it-talba għal deċiżjoni preliminari mitluba minn din l-awtorità.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta’ llum, **l-Avukat Ġenerali Henrik Saugmandsgaard Øe jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi li l-analiżi tad-domandi ma żvelatx punti ta’ natura li jaffettwaw il-validità tad-Deċiżjoni 2010/87.**

L-Avukat Ġenerali josserva, preliminarjament, li t-tilwima fil-kawża prinċipali għandha, bħala skop uniku, li jiġi ddeterminat jekk id-Deċiżjoni 2010/87, li permezz tagħha l-Kummissjoni istitwixxiet il-klawżoli kuntrattwali standard invokati insostenn tat-trasferimenti msemmija fl-ilment ta’ M. Schrems, hijiex valida.

L-Avukat Ġenerali jqis, fl-ewwel lok, li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli għat-trasferimenti ta’ data personali lejn pajjiż terz meta, minkejja li dawn it-trasferimenti jissodisfaw skopijiet kummerċjali, id-data ttrasferita tista’ tkun suġġetta, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi ta’ dan il-pajjiż terz, għal ipproċessar għal finijiet ta’ sigurtà nazzjonali. (Konklużjonijiet – Titolu C)

Fit-tieni lok, l-Avukat Ġenerali jikkonstata li d-dispożizzjonijiet tar-RĠPD dwar it-trasferimenti lejn pajjiżi terzi għandhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità ta’ livell għoli ta’ protezzjoni tad-data personali, li d-data tiġi ttrasferita abbażi ta’ deċiżjoni ta’ adegwatezza jew skont garanziji xierqa pprovduti mill-esportatur. Skont hu, il-mod kif jintlaħaq dan l-għan ivarja madankollu skont il-bażi legali tat-trasferiment. Minn naħa, deċiżjoni ta’ adegwatezza għandha l-għan li tikkonstata li pajjiż terz partikolari jiżgura, minħabba d-dritt u l-prattiċi li jiġu applikati hemmhekk, livell ta’ protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data tagħhom tiġi ttrasferita li hija sostanzjalment

[6] Is-sistema ta’ port salv tinkludi numru ta’ prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data personali li l-impriżi Amerikani jistgħu jissottoskrivu għalihom volontarjament.

ekwivalenti għal dik li tirriżulta mir-RĠPD, moqri fid-dawl tal-Karta. Min-naħa l-oħra, **il-garanziji xierqa pprovduti mill-esportatur, b'mod partikolari kuntrattwalment, għandhom huma stess jiżguraw tali livell ta' protezzjoni.** F'dan ir-rigward, il-klawżoli kuntrattwali standard adottati mill-Kummissjoni jipprevedu mekkaniżmu ġenerali applikabbli għat-trasferimenti, irrispettivament mill-pajjiż terz ta' destinazzjoni u l-livell ta' protezzjoni li jiġi żgurat hemmhekk.

l-Avukat Ġenerali jipproċedi, fit-tielet lok, għal eżami tal-validità tad-Deċiżjoni 2010/87 fid-dawl tal-Karta. Huwa jqis li l-fatt li din id-deċiżjoni u l-klawżoli kuntrattwali standard li hija tistipula ma jorbtux lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni u għaldaqstant ma tipprekludihomx milli jimponu fuq l-importatur obbligi inkompatibbli mal-osservanza ta' dawn il-klawżoli, fih innifsu, ma jagħmilx l-imsemmija deċiżjoni invalida. Il-konformità tad-Deċiżjoni 2010/87 mal-Karta tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk jeżistux mekkaniżmi b'saħħithom biżżejjed li jippermettu li jiġi żgurat li t-trasferimenti bbażati fuq il-klawżoli kuntrattwali standard jiġu sospiżi jew ipprojbiti fil-każ ta' ksur ta' dawn il-klawżoli jew tal-impossibbiltà li jiġu onorati.

Skont hu, dan huwa l-każ sa fejn jeżisti ***obbligu* – impost fuq il-kontrolluri u, fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni minn dawn tal-aħħar, fuq l-awtoritajiet superviżorji – li jissospendu jew li jipprojbixxu trasferiment meta, minħabba kunflitt bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-klawżoli standard u dawk imposti mid-dritt tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni, dawn il-klawżoli ma jkunux jistgħu jiġu osservati.**

L-Avukat Ġenerali jikkonstata, barra minn hekk, li l-qorti tar-rinviju qiegħda tikkontesta indirettament uħud mill-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016, imsejħa "ħarsien tal-privatezza"[7]. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-Istati Uniti jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-data ttrasferita mill-Unjoni fil-kuntest tas-sistema stabbilita b'din id-deċiżjoni, fid-dawl b'mod partikolari tal-garanziji li huwa suġġett għalihom l-aċċess mill-awtoritajiet tal-intelligence Amerikani għal din id-data, kif ukoll għall-protezzjoni ġudizzjarja offruta lill-persuni li d-data tagħhom tiġi ttrasferita[8]. Skont l-Avukat Ġenerali, ir-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali ma teħtieġx li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-validità tad-deċiżjoni "ħarsien tal-privatezza" peress li din it-tilwima tirrigwarda biss il-validità tad-Deċiżjoni 2010/87. L-Avukat Ġenerali jesponi, madankollu, b'mod sussidjarju r-raġunijiet li jwassluh jistaqsi dwar il-validità tad-deċiżjoni "ħarsien tal-privatezza" fid-dawl tad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll tad-dritt għal rimedju effettiv.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li l-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-konklużjonijiet jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106

---

[7] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva [95/46] dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S (ĠU 2016, L 207, p. 1).

[8] Bħad-deċiżjoni "port salv" qabilha, id-deċiżjoni "ħarsien tal-privatezza" hija bbażata fuq l-adeżjoni volontarja tal-impriżi għal numru ta' prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data personali.